

Talbiet

- jannulla d-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba tiegħu li jitqies bħala li jeżerċita responsabbiltajiet partikolari li jagħtu lok għall-klassifikazzjoni tiegħu fl-impjeg tat-tip ta' "Konsulent jew ekwivalenti", skont l-Artikolu 30(3) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal;
- b'mod inċidentali, fl-assenza ta' implementazzjoni kompleta u nondiskriminatorja tal-Artikolu 30(3) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, jannulla l-Komunikazzjoni tal-2013 (u l-Komunikazzjoni tal-2014 fil-parti fejn hija tirriproduċi l-Komunikazzjoni tal-2013);
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' April 2016 – ZZ vs Frontex**(Kawża F-21/16)**

(2016/C 251/57)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentant: Spyros A. Pappas, avukat)*Konvenut:* Frontex**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

Annulament tad-deċiżjoni li ma jiġġeddidx il-kuntratt tar-rikorrent u talba għad-danni għat-telf tas-salarju kif ukoll tad-drittijiet għall-pensjoni.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni tal-Frontex tas-26 ta' Ġunju 2015 li ma jiġġeddidx il-kuntratt tar-rikorrent;
- jikkundanna lil Frontex sabiex jikkumpensa t-telf tas-salarju tar-rikorrent kif ukoll id-dirttijiet tiegħu għall-pensjoni;
- jikkundanna lil Frontex għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' April 2016 – ZZ vs CPVO**(Kawża F-22/16)**

(2016/C 251/58)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: L. Levi u A. Blot, avukati)*Konvenuta:* L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO)**Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima**

L-annulament tad-deċiżjoni li ma jiġġeddidx il-kuntratt bħala membru tal-persunal temporanju tar-rikorrent u t-talba li r-rikorrent jiġi kkompensat għad-dannu materjali u morali allegatament subit minnu.